MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1632/2010

**Alsons Limited (C52567)**

**vs**

**Josephine Mifsud (ID No:25569M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl- 4 ta Novembru 2010, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mitejn u disghin Ewro (€290) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma mitejn u disghin Ewro (€290) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------